MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 25 ta' Jannar 2018**

**Kumpilazzjoni numru 956/11**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Anthony Grech**
**(ID:231583M)**
***-omissis-***

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 28 ta' Settembru 2017 fejn fl-istess sentenza gie ordnat li l-atti jigu rinvijati quddiem il-Qorti biex l-istess Qorti titratta mal-imputat dwar il-ksur tal-Ordni ta' Probation moghti b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta' Awwissu 2011;

Rat is-sentenza tad-9 ta' Awwissu 2011;

Rat illi permezz tal-istess sentenza l-imputat tqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin;

Rat illi permezz tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 28 ta' Settembru 2017 l-imputat instab hati fost affarijiet ohra illi fid-9 ta' Awwissu

2011, u cioe` proprju fil-gurnata li fiha kien inghata Ordni ta' Probation, kien rega' wettaq ir-reat ta' serq aggravat;

Semghat it-trattazzjoni;

Illi mill-atti jirrizulta ampjament car illi fil-fatt l-imputat kiser l-Ordni ta' Probation imposta fuqu fid-9 ta' Awwissu 2011;

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat artikolu 21 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiiet ta' Malta tiddikjara lill-imputat hati li kiser l-Ordni ta' Probation imposta fuqu fid-9 ta' Awwissu 2011 u tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsin ewro (€50).

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur